



EURES

IR-REKLUTAĠĠ FL-EWROPA

GWIDA GĦALL-IMPJEGATURI



Il-Kummissjoni
Ewropea



Ewropa Soċjali

IR-REKLUTAĠĠ FL-EWROPA - GWIDA GĦALL-IMPJEGATURI

Il-manuskritt tlesta f'Diċembru 2019

It-tielet edizzjoni riveduta

La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li gejjja.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© Ritratti: Shutterstock

© L-Unjoni Ewropea, 2021

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment is-sors jiġi rikonoxxut.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Print ISBN 978-92-9464-016-1 doi:10.2883/877578

HP-03-21-062-MT-C

PDF ISBN 978-92-9464-006-2 doi:10.2883/6441

HP-03-21-062-MT-N

F'dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla, in-negozju tiegħek jista' jkollu bżonn iħares lil hinn biex jattira l-aħjar impjegati. Li ssib in-nies it-tajbin tista' tkun sfida. Soluzzjoni waħda, imħaddna minn għadd dejjem jikber ta' kumpaniji, hija r-reklutaġġ mill-Ewropa kollha. Madwar 3 % tal-Ewropej jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru differenti mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Dawn iġibu ħiliet differenti u perspettiva għada fuq il-post tax-xogħol u jipprovdnu lill-impjegaturi l-opportunità li jsibu l-impjegati l-aktar xierqa minn grupp usa' ta' kandidati.

Din il-gwida se tintroduċik għar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż u tmexxik fil-passi meħtieġa.

"Aħna kumpanija żgħira, iżda li naħdmu flimkien mal-EURES, li huwa rikonoxxut fl-Ewropa, ifisser li n-nies li ma semgħux bina jkunu kunfidenti li aħna impjegatur tajjeb u serju. Ninsab kuntent bil-livell professjonali ta' kooperazzjoni li pprova l-EURES. Huwa bis-saħħa tas-servizzi tal-EURES li stajna nidħlu fis-sug tax-xogħol Ewropew."

B:TECH, ir-Repubblika Ċeka

Ir-reklutaġġ minn barra l-pajjiż għandu diversi vantaġġi importanti.

- **Ġabra usa' għalik biex issib l-aħjar persuna għall-impjeg u biex timla dawk il-pożizzjonijiet "problematiċi".** Il-forza tax-xogħol Ewropea fiha mijiet ta' eluf ta' ħaddiema tas-sengħa. Il-ħaddiema li huma lesti li jkunu mobbli huma mmotivati u ħerqana li jiksbu esperjenzi għodda. Wessa' l-orizzonti tiegħek u żid il-possibiltajiet tiegħek li ssib il-kandidat ideali.
- **Opportunità biex tintroduċi esperjenzi u perspettivi għodda għat-tim tiegħek.** Il-ħaddiema fl-Ewropa kollha jgħibu magħhom ħiliet u kwalifiki għodda. Forza tax-xogħol diversa tista' toffri lill-kumpanija tiegħek lingwi għodda, tiffaċilita komunikazzjoni mtejba u toffri fehim akbar tal-ambjenti tax-xogħol f'pajjiżi oħra.

Trid tintroduċi ħiliet u esperjenza għodda fil-post tax-xogħol tiegħek? Din il-gwida se tintroduċik għar-reklutaġġ fl-Ewropa.

"Men for Trees huwa tim internazzjonali li jaħdem ma' persuni minn pajjiżi differenti, inklużi l-Ġermanja, Ċipru, l-Ungerija, l-Awstrija u r-Rumanija. Aħna nfiġtu persuni motivati li huma lesti li jaħdmu b'mod bieżel u jitgħallmu ħiliet għodda."

Men for Trees, l-Awstrija



Il-prinċipju tal-Unjoni Ewropea tal-moviment liberu tal-ħaddiema jippermettilek tirrekluta personal mill-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll mill-Iżlanda, mill-Liechtenstein, min-Norveġja u mill-Iżvizzera.

L-introduzzjoni ta' ħaddiema mill-Ewropa kollha tista' tgħin biex jiġu solvuti n-nuqqasijiet ta' hillet fuq terminu qasir, filwaqt li jiġu introdotti perspettivi ġodda għall-post tax-xogħol tiegħek. It-twaqqif ta' suq tax-xogħol Ewropew miftuħ ifisser li l-ħaddiema jistgħu jiċċaqilqu liberament bejn l-Istati Membri, mingħajr restrizzjonijiet.

Madankollu, xi ċittadini Ewropej xorta jista' jkollhom aċċess ristrett għas-suq tax-xogħol Ewropew għal ċertu perjodu, skont meta pajjiż issieħeb fl-UE. Madankollu, b'mod ġenerali, ir-reklutaġġ mill-Ewropa issa sar faċli daqs ir-reklutaġġ domestiku.

“Bis-saħħa tan-network tagħna, nistgħu nġinu faċilment lill-kumpaniji jilhq u lil pajjiżi oħra fl-Ewropa u jirreklutaw l-aħjar kandidati għall-impjeg. Is-servizz huwa kompletament bla ħlas u, peress li ma aħna qed “inbigħu” xejn, nistgħu nkunu aktar oġġettivi biex naqdu l-ftigijiet tal-impjegaturi u tal-persuni li qed ifittxu impjeg.”

Lena Westling, Konsulent tal-EURES, I-Iżvezja

MISTOQSJIET FREKWENTI TAL-IMPJEGATURI

- **Qatt ma kkunsidrajt ir-reklutaġġ fl-Ewropa. X'inhuma l-benefiċċji għan-negożju tiegħi?** Issa aktar minn qatt qabel, huwa importanti li l-impjegaturi jżommu forza tax-xogħol effiċjenti u produttiva. Xi drabi l-hillet meħtieġa biex isir dan ma jkunux disponibbli faċilment f'pajjiżek. Tim internazzjonali u multikulturali jista' jgħin biex tiżdied l-effiċjenza, billi jiġu introdotti livelli ġodda ta' hillet u esperjenza. Ir-riċerka wriet ukoll li hemm rabta diretta bejn il-mobbiltà tal-impjegati u l-innovazzjoni tal-kumpaniji.
- **X'għandi nkun naf dwar ir-reklutaġġ fl-Ewropa? Kif nibda?** Fil-verità, huwa faċli daqs ir-reklutaġġ b'mod domestiku. L-ewwel ħaġa li għandek tagħmel hija li tiskopri x'hillet huma neqsin fuq il-post tax-xogħol tiegħek, u fejn tista' ssibhom. Imbagħad tkellem ma' esperti.
- **Lil min nista' nkellem dwar ir-reklutaġġ fl-Ewropa?** Hemm għadd ta' servizzi privati u pubbliċi disponibbli biex jiggwidawk tul il-proċess. L-EURES, in-network Ewropew tal-impjegati, għandu aktar minn 1 200 konsulent li jistgħu jipprovdu informazzjoni u gwida

“Bis-saħħa tal-kollaborazzjoni tiegħu mas-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjegati u n-network kbir tiegħu ta' professjonisti fl-Ewropa kollha, l-EURES itejjeb il-viżibbiltà tagħna kif ukoll l-attrazzjoni tagħna bħala impjegatur fis-suq tax-xogħol Ewropew kollu. Mill-bidu tal-kollaborazzjoni tagħna, aktar minn 300 professjonist kwalifikat applikaw biex jissieħbu fil-kumpanija.”

CERN (l-Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari), I-Iżvizzera

dwar kull aspett tar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż. Aqra biex issir taf eżattament x'inhu involut fir-reklutaġġ fl-Ewropa u kif l-EURES jista' jgħin.

Hawn taft issib ħarsa ġenerali lejn ftit affarijiet li għandek tikkunsidra meta tirrekluta minn barra l-pajjiż.

- **X'inti tfittex?** Ħejji profil dettaljat tal-kandidat. Liema ħiliet, kompetenzi u kwalifiki speċifiċi qed tfittex? Jekk ikun hemm ċerti ħiliet li qed tfittex li tintroduċi fil-forza tax-xogħol tiegħek, dan jista' jaffettwa fuq liema pajjiżi għandek tiffoka t-tfittxija tiegħek.

“Concentrix ħadem mal-EURES għal għadd ta' snin, u s-sħubija miegħu hija kruċjali għas-suċċess tar-reklutaġġ tagħna. Aħna nirreklamaw fin-network tal-EURES kollu, ħdimna biex nibnu u nsostnu relazzjonijiet ma' konsulenti individwali fl-Ewropa kollha, u nattendu regolarment Fieri tal-Impjeggi tal-EURES f'diversi pajjiżi. Minħabba l-ħtiġijiet għoljin tagħna ta' reklutaġġ u r-rekwiżiti varjati tal-lingwa, l-użu tal-portal tal-EURES u tan-network ta' konsulenti għar-reklamar fil-pajjiż huwa kruċjali. Il-livell ta' servizz huwa imprezzabbli – bħalma huwa l-għarfien u l-parir lokali.”

Concentrix, l-Irlanda ta' Fuq



- **L-esperjenza tagħhom hija dik li tistenna?** Il-kwalifiki li jidhru li huma l-istess jista' jkollhom tifsiriet differenti f'pajjiżi differenti, għalhekk kun żgur li tagħmel xi riċerka ta' sfond dwar il-kwalifiki msemmija.
- **L-aspetti prattiċi u legali.** Jekk titlob ħaddiem biex imur f'pajjiżek, inti għandek xi responsabbiltà lej. Huwa importanti li l-impjegat jitkellem il-lingwa ta' pajjiżek? Dan se jgħinjom jintegraw aħjar fl-ambjent il-ġdid tagħhom. Qis ukoll il-prattikalitajiet, bħal jekk is-sigurtà soċjali u l-assigurazzjoni tas-saħħa tagħhom humiex se jkunu trasferiti bejn il-pajjiżi, u jekk humiex se jeħtieġu permess ta' xogħol.



“Huwa importanti li jiġi żgurat li l-ambjent tax-xogħol u l-impjeg offrut ikunu verament adattati għal persuna li qed tfittex impjeg minn pajjiż ieħor. Aħna rridu sitwazzjoni favorevoli għal kulħadd, għall-kandidati u għall-kumpanija.”

*Peter van der Grinten,
Konsulent tal-EURES, in-Netherlands*

MIN JISTA' JGĦINEK TIRREKLUTA MINN BARRA L-PAJJIŻ?

Iddeċidejt li tirrekluta fl-Ewropa u issa teħtieġ aktar informazzjoni. Għal għajnunha u parir, tista' tirreferi għar-riżorsi li ġejjin.

L-EURES, in-Network Ewropew għall-Impjieg, jopera fl-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera. Huwa magħmul minn servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjieg, u issa qed jiġi estiż biex jinkludi aktar sħab, bħal aġenziji privati tar-reklutaġġ, f'pajjiżek. Dan in-network jista' jipprovdu servizz effiċjenti u professjonali għar-reklutaġġ barra mill-pajjiż.

In-network tal-EURES joffri firxa ta' servizzi mfassla għall-ħtiġijiet tiegħek:

- **Il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjieg:** Dan jipprovdi informazzjoni dwar il-kandidati minn madwar 31 pajjiż, jippermettilek toħloq kont u tfittex dawkl qed ifittxu impjieg, u tagħti dettalji tal-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ fl-Ewropa kollha. Il-portal jidher fuq siti ewlenin tal-midja soċjali u għandu l-applikazzjoni tiegħu stess għall-ismartphone. L-utenti tal-portal b'mistoqsijiet jistgħu faċilment jagħmlu kuntatt mal-helpdesk tal-EURES permezz ta' chat diretta, email, telefon jew

Skype. Żur eures.europa.eu għad-dettalji ta' kuntatt.

- **Network ta' Konsulenti tal-EURES.** L-EURES għandu aktar minn 1 200 konsulent f'31 pajjiż li jaħdmu mas-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjieg biex jipprovdu informazzjoni dwar il-mobbiltà lill-impjegaturi. Dawn jistgħu jgħinu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tiegħek ma' kandidati potenzjali u jiggwidawk permezz tal-proċess ta' reklutaġġ, kif ukoll jipprovdulek informazzjoni komprensiva dwar il-mobbiltà. Tista' tikkuntattjahom bit-telefon jew bl-email jew tiltaqa' magħhom wiċċ imb wiċċ f'avvenimenti tal-Jiem Ewropej tal-Impjieg (ara l-paġna li jmiss għad-dettalji). Id-dettalji ta' kuntatt tan-network tal-EURES jistgħu jinstabu fuq il-Portal tal-Mobbiltà fl-Impjieg tal-EURES – żur eures.europa.eu biex tagħmel kuntatt ma' Konsulent tal-EURES qrib tiegħek.
- **L-EURES f'reġjuni transfruntiera.** L-impjegati li jgħixu u jaħdmu f'żewġ pajjiżi huma l-forma l-aktar komuni ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-EURES jopera wkoll f'reġjuni transfruntiera fl-Ewropa kollha. L-informazzjoni hija disponibbli fuq il-portal tal-EURES, mill-Konsulenti tal-EURES u fuq paġna 11 ta' dan il-fuljett.

Tista' wkoll tiegħu vantaġġ minn dan li ġej:

- **Aġenziji privati ta' reklutaġġ.** L-aġenziji privati tal-impjieg jistgħu jipprovdu firxa wiesgħa ta' informazzjoni u servizz effiċjenti ta' tqabbil tal-impjieg għall-impjegaturi. Qabel tirreġistra, iċċekkja jekk hemmx xi ħlas.
- **Magni tat-tiftix għall-impjieg online.** Xi magni tat-tiftix għall-impjieg jippermettulek toħloq profil tal-kumpanija, pożizzjonijiet vakanti u tirċievi applikazzjonijiet ta' informazzjoni mingħand il-kandidati. Spiss, hemm faċilità għal persuni li qed ifittxu impjieg biex jipowstjaw is-CVs, u għalhekk tista' tarahom b'mod liberu. Qabel tirreġistra, iċċekkja jekk hemmx xi ħlas.
- **Midja soċjali.** Madwar nofs l-utenti tal-Internet tal-UE għandhom preżenza fuq il-midja soċjali. Jekk il-kumpanija tiegħek tuża regolarment pjattaformi bħal Facebook, Twitter jew LinkedIn, tista' tużahom biex tippromwovi l-pożizzjonijiet vakanti tiegħek fid-dinja – u biex tfittex kandidati potenzjali.

Is-servizzi tal-EURES huma disponibbli għall-impjegaturi Ewropej kollha – qabel, matul u wara l-proċess ta' reklutaġġ. Huma jindirizzaw kull aspett tar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż, inklużi r-reġistrazzjoni u t-tirid ta' pozzizzjonijiet vakanti, jipprovdu informazzjoni dwar l-ekwivalenza tal-eduzzjonijiet u d-diplomi, iqabblu s-CVs mal-pozzizzjonijiet vakanti u jiffaċilitaw il-vidjokonferenzi għall-intervisti, kif ukoll jipprovdu informazzjoni u pariri legali dwar is-suq tax-xogħol Ewropew, jorganizzaw fieri dwr l-impjegi, l-għoti ta' pariri dwar l-opportunitajiet ta' taħriġ u l-iżgurar ta' segwitu ta' impjegati ġodda – biex insemmu xi fit!

B'mod ġenerali, is-servizzi jinkludu dan li ġej:

Il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjieg

jospita aktar minn miljun pozzizzjoni vakanti mill-Ewropa kollha, kważi l-istess numru ta' CVs, u eluf ta' impjegaturi reġistrati. Malajr u faċilment tista':

- toħloq kont, sabiex tkun tista' tfittex u taħżen profili tal-kandidati rilevanti;
- tirreklama pozzizzjoni vakanti permezz tas-servizz pubbliku nazzjonali tiegħek tal-impjegi jew tal-Konsulent lokali tal-EURES li se jkun viżibbli għal dawk li qed ifittxu impjieg f'31 pajjiż;
- tirċievi twissijiet meta jiġu ppowstjati profili li jaqblu ma' pozzizzjoni vakanti;

- tfittex informazzjoni dwar ir-reklutaġġ minn pajjiżi fl-Ewropa kollha;
- tfittex Jiem Ewropej tal-Impjegi u avvenimenti oħra ta' reklutaġġ fir-reġjun tiegħek;
- tikkollega ma' impjegaturi oħrajn u tiskambja informazzjoni dwar it-tifx għall-kandidati.

Il-Konsulenti tal-EURES u professjonisti oħra fir-reklutaġġ – b'mod partikolari fin-network tal-EURES – jistgħu jiġu kkuntattjati għal informazzjoni u pariri fi kwalunkwe stadju tal-proċess ta' reklutaġġ. B'għarfien espert speċjalizzat fl-aspetti prattiċi, legali u amministrattivi tal-mobbiltà Ewropea tal-forza tax-xogħol, dawn jistgħu:

- lżuru l-uffiċċji tiegħek biex jiksbu idea aħjar tal-kandidati li qed tfittex;
- lpoġġuk f'kuntatt ma' konsulenti oħra tal-EURES fl-Ewropa kollha;
- Jirrakkomandaw kandidati abbażi tal-pożizzjoni vakanti u l-profil tal-kumpanija tiegħek;
- Jassistuk biex tirreklama pozzizzjoni vakanti – u jgħidu lill-kandidati interessanti dwar il-pożizzjoni vakanti tiegħek;
- Jagħtuk informazzjoni dwar x'inhu mistenni minnek bħala impjegatur ta' ħaddiem Ewropew;
- Jinfurmawk dwar fieri tal-impjegi u avvenimenti oħra ta' reklutaġġ ta' interess.

Jekk jogħġbok innota li s-servizzi disponibbli jistgħu jvarjaw minn pajjiż wieħed jew minn organizzazzjoni sieħba tal-EURES għal oħra.

Tista' ssib aktar informazzjoni u dettalji ta' kuntatt tal-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek u ta' professjonisti oħra fir-reklutaġġ fuq il-Portal tal-EURES dwar il-Mobbiltà fix-Xogħol.

Jiem Ewropej tal-Impjegi (Online) u avvenimenti oħra

Kull sena, isiru mijiet ta' avvenimenti tal-EURES fl-Ewropa kollha – kollha b'aċċess faċli u mingħajr ħlas. L-aktar magħrufa huma l-Jiem Ewropej tal-Impjegi – ambjent ideali għall-impjegaturi biex jiltaqgħu ma' impjegati ġodda potenzjali, kemm fuq il-post kif ukoll "virtwalment" (online). L-EURES jospita wkoll konferenzi, seminars u jiem ta' informazzjoni ġenerali dwar il-mobbiltà fejn il-Konsulenti tal-EURES huma disponibbli biex jipprovdu pariri esperti dwar ir-reklutaġġ mill-Ewropa kollha. Iċċekkja l-Kalendarju tal-avvenimenti fuq il-portal tal-EURES għal aktar informazzjoni dwar avvenimenti fiż-żona tiegħek.

TAQSIMIET EWLENIN

Is-servizzi tal-EURES huma disponibbli mingħajr ħlas għall-impjegaturi Ewropej kollha – qabel, matul u wara l-proċess ta' reklutaġġ.

- 1. X'jista' jagħmel għalik l-EURES?**
Hawnhekk tista' ssib is-servizzi kollha offruti mill-membri u mis-sħab tal-EURES.
- 2. Sib il-kandidati** tippermettitek toħloq il-kont personali tiegħek tal-EURES u ffitteż permezz tal-bażi tad-*data* tas-CVs. Tista' tirċievi wkoll CVs ġodda li jaqblu permezz tal-email, tissejvjahom u torganizzahom, u tibgħat mistoqsijiet lil kandidati potenzjali.
- 3. Irreklama Impjieg** tgħidlek kif tagħmel pożizzjoni vakanti viżibbli fuq il-portal.
- 4. Ikkuntattja Konsulent tal-EURES** tippermettitek issib id-dettalji ta' kuntatt ta' Konsulent tal-EURES qrib tiegħek li jista' jgħinek tqabbel kandidati prospettivi ma' pożizzjonijiet vakanti fuq livell lokali reġjonali u dak nazzjonali.

- 5. Ħajja u xogħol** fiha informazzjoni Prattika, legali u amministrattiva dwar il-mobbiltà. Ħares lejn ix-xejriet attwali fis-suq tax-xogħol Ewropew skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur tal-attività.
- 6. Il-Kalendarju tal-Avvenimenti** jurik l-avvenimenti ta' interess li għejjin fir-reġjun tiegħek. Żomm rendikont tal-Jiem Ewropej tal-Impjieg u avvenimenti oħra ta' reklutaġġ jew sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali dwar il-mobbiltà mal-Konsulenti tal-EURES.
- 7. Aħbarijiet** hija miżgħuda bl-aħħar artikli u vidjos dwar l-impjieg u l-mobbiltà Ewropej. Ara stejjer ta' suċċess ta' ispirazzjoni minn impjegaturi oħra li bbenefikaw mis-servizzi tal-EURES.
- 8. Il-bullettini l-EURES u Inti** jinħarġu kull xahar u jinkludu informazzjoni dwar il-mobbiltà tal-impjieg, ix-xejriet attwali, l-avvenimenti tal-EURES li għejjin, eċċ. Tista' taqra l-bullettini online jew tirċivihom permezz ta' email.

- 9. F'Għajnuna u Appoġġ**, se ssib tveġibiet għall-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet tiegħek. Il-helpdesk tal-EURES huwa disponibbli wkoll biex iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek permezz tat-telefon, tal-email, ta' chat dirett u ta' Skype.
- 10. Links** jiddireġuk lejn siti web oħra li jindirizzaw il-mobbiltà Ewropea tal-forza tax-xogħol, inklużi s-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjieg, kif ukoll firxa ta' pubblikazzjonijiet li se jiggwidawk permezz tat-tiftix tiegħek.



ŻVILUPP FUTUR U SERVIZZI OĦRA

Jiem Ewropej tal-Impjiegi (Online) jippermettu lil dawk li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi jinġabru "b'mod virtwali" u mingħajr ħlas, li jiffrankawhom il-ħin u l-flus involuti fl-ivvjaġġar għal avveniment fuq il-post. Il-parteċipanti jistgħu jaraw il-preżentazzjonijiet tiegħek, jissottomettu applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet vakanti u jiltaqgħu direttament ma' persuni li jirreklutaw u mal-Konsulenti tal-EURES. Ara europeanjobdays.eu għad-dettalji tal-Jiem tal-Impjiegi preċedenti u li ġejjin online.



FEJN TISTA' SSIB L-EURES FL-EWROPA KOLLHA?


● L-Istati Membri tal-UE: Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, L-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, Il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, Il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Il-Finlandja, l-Iżvezja.

● ŻEE = Stati Membri tal-UE + l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

● L-Iżvizzera.

L-EURES huwa rrappreżentat f'reġjuni differenti u f'reġjuni transfruntiera. Għal aktar dettalji, żur il-portal tal-EURES.

Biex issib l-eqreb Konsulent tal-EURES tiegħek, mur fuq eures.europa.eu.



Hawn taħt issib xi punti li għandek tiftakar, qabel u wara li tirrekluta ħaddiema mill-Ewropa kollha.

PASSI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU QABEL IR-REKLUTAĠĠ

- **Pariri u ppjanar:** Ikkuntattja lill-Konsulent lokali tiegħek tal-EURES jew lis-servizz pubbliku tal-impjegati biex tiddiskuti l-ħtiġijiet ta' reklutaġġ tiegħek u tikseb pariri. Kun af x'inhu involut fir-reklutaġġ ta' ħaddiem Ewropew u kkalkola l-benefiċċji, ir-riskji u l-ispejjeż kollha.
- **Arranġamenti prattiċi:** Kun ċert li ma tinsieix tikkunsidra l-prattikalitajiet. Se tgħin lill-impjegat il-ġdid tiegħek isib akkomodazzjoni, jew tipprovdi pariri dwar l-assigurazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà soċjali? Ftakar ukoll li l-liġijiet nazzjonali dwar l-impjegati jistgħu jvarjaw bejn il-pajjiżi. Iċċekkja jekk l-impjegat il-ġdid tiegħek jeħtieġx permess ta' xogħol u forsi xi għajjnuna biex jikseb wieħed.
- **Rikonoxximent tal-kwalifiki:** Jekk ikollok bżonn li l-kwalifiki tal-impjegat tiegħek jiġu rikonoxxuti uffiċjalment, Konsulent tal-EURES jista' jiddiskuti miegħek dwar il-legalitajiet u l-prattikalitajiet. Żur www.enic-naric.net għal aktar dettalji dwar ir-rikonoxximent internazzjonali tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali.

FTAKAR: Il-prattiki ta' reklutaġġ iwarjaw minn pajjiż għal ieħor, kif ukoll il-formalitajiet bejn l-impjegaturi u l-applikanti. Kun konxju mill-possibilità ta' differenzi kulturali meta tiltaqa' ma' impjegati potenzjali. Ibbqra' ffokat fuq il-ħiliet u l-esperjenza tagħhom.

PASSI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU WARA R-REKLUTAĠĠ

- **L-integrazzjoni tal-ħaddiema:** Il-ħaddiema jistgħu jħossuhom stressjati u anzjużi meta jaslu f'pajjiż ġdid. Pakkett ta' merħba jista' jgħin biex jagħmel it-tranżizzjoni tagħhom aktar faċli. Ikkunsidra li tiġbor flimkien xi informazzjoni dwar iż-żona lokali tiegħek – bħal mappa ta' għażliet tat-trasport, direzzjonijiet lejn il-post tax-xogħol u dettalji ta' faċilitajiet fil-qrib bħal ristoranti, libreriġi pubbliċi u ċentri mediċi.
- **Kwistjonijiet legali u amministrattivi:** L-impjegati li jridu jirreġistraw mal-awtoritajiet lokali jistgħu inizjalment jeħtieġu ħin barra mix-xogħol. Agħmel konċessjonijiet għaż-żmien li jieħdu biex japplikaw għal numru tas-sigurtà soċjali, jiksbu karta tal-identità jew jiksbu assicurazzjoni nazzjonali tas-saħħa.

- **Familja u akkomodazzjoni:** Agħmel konċessjonijiet għall-impjegat u għall-familja tiegħu biex jistabbilixxu ruħhom f'pajjiżek, bħal żmien ta' tiftix għal skejjeż u akkomodazzjoni.
- **Involvi lill-ħaddiema residenti tiegħek:** Inti trid li l-impjegati attwali tiegħek isiru jafu ħaddiema ġodda, għalhekk hija idea tajba li jingħataw aġġornamenti dwar il-proċess ta' reklutaġġ. Ikkunsidra wkoll l-organizzazzjoni ta' avveniment soċjali għall-impjegati kollha tiegħek.

"Wara l-ewwel kuntatt tagħna mal-EURES fin-Netherlands, infetaħ portal siewi għas-suq tax-xogħol Ewropew għal FridayEuroTech. L-EURES, fil-fatt, huwa s-sieħeb kummerċjali tagħna, u issa qed nużaw is-servizzi tiegħu fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fil-Polonja."

FridayEuroTech, in-Netherlands

“Ħaddiem stazzjonat” huwa xi ħadd li jqatta’ ħin limitat jaħdem barra mill-Istat Membru li normalment jaħdem fih, tipikament fuq talba tal-impjegatur tiegħu. Il-ħaddiema stazzjonati normalment jinstabu fis-setturi tal-kostruzzjoni, tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni, tad-divertiment u tal-manutenzjoni.

Jekk l-organizzazzjoni tiegħek ikollha bżonn tistazzjona lill-ħaddiema fi Stat Membru ieħor, ikollok bżonn tiffamiljarizza ruħek mar-regoli u l-proċeduri involuti.

Id-drittijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema stazzjonati jridu jiġu protetti fl-Ewropa kollha u għalhekk ġie stabbilit sett ta’ regoli ewlenin mill-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi* hija maħsuba biex tiggarantixxi lill-ħaddiema stazzjonati l-istess termini u kundizzjonijiet ta’ impjieg bħal ħaddiema oħra fl-EU-27 (minn Lulju 2013), l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera fejn titwettaq il-ħidma. Ir-regoli jkopru firxa ta’ kwistjonijiet, mill-perjodi massimi ta’

xogħol sal-liv annwali minimu mħallas, kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza. Tista’ taqra aktar dwar id-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

IMPORTANTI LI TIFTAKAR UKOLL LI:

- Fejn Stat Membru jkollu ċerti termini u kundizzjonijiet minimi ta’ impjieg, bħas-salarju u l-benefiċċji, dawn iridu japplikaw ukoll għal kwalunkwe ħaddiem stazzjonat fil-pajjiż;
- Int trid tibqa’ f’kuntatt mal-ħaddiem tiegħek matul l-istazzjonar tiegħu.

Aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati tista’ tinstab billi żżur is-sit web tal-Eurofound, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, fuq www.eurofound.europa.eu. Tista’ wkoll titkellem mal-Konsulent lokali tiegħek tal-EURES.

IS-SEKONDAR

L-istazzjonar huwa xejra żgħira iżda li qed tikber fil-mobbiltà tax-xogħol tal-Ewropa, speċjalment f’xi setturi u pajjiżi. Fl-2007, madwar 1.3 miljun Ewropew ġew irreġistrati bħala ħaddiema stazzjonati fl-EU-27 kollha, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Il-pajjiżi ewlenin li bagħtu l-impjegati kienu Franza, il-Ġermanja u l-Polonja, filwaqt li l-ewwel tnejn kienu l-pajjiżi riċeventi ewlenin.

* ĠUL 18, 21.1.1997, p. 1.

Suq tax-xogħol transfruntier huwa żona fejn il-ħaddiema li jgħixu f'pajjiż wieħed spiss jivvjaġġaw kuljum jew kull ġimgħa biex jaħdmu f'pajjiż ġar. Dan l-arranġament huwa popolari fl-Ewropa kollha: aktar minn 600 000 persuna jgħixu f'pajjiż Ewropew wieħed u jaħdmu f'ieħor.

HEMM DIVERSI VANTAĠĠI GĦALL-IMPJEGATUR F'REĠJUN TRANSFRUNTIER:

- Il-grupp tiegħek ta' kandidati potenzjali jkun aktar estżi;
- M'għandekx għalfejn tħares 'il bogħod biex issib kandidati għal pożizzjonijiet vakanti li "diffiċli jimtlew" fir-reġjun tiegħek;
- Għandek aċċess għal kandidati li jistgħu sempliċiment jivvjaġġaw minn naħa għal oħra tal-fruntiera, aktar milli jiċċaqalqu mill-pajjiż, li tista' tkompli tiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom.

Ovvjament, l-ivvjaġġar transfruntier jinkludi xi proċeduri amministrattivi. Madankollu, hemm firxa ta' servizzi li jgħinu lill-impjegaturi fi kwistjonijiet bħat-taxxa, is-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni tas-saħħa u l-benefiċċji tal-familja.

L-EURES jopera f'aktar minn 20 sħubija transfruntiera f'aktar minn 13-il pajjiż. Sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa għal informazzjoni u koordinazzjoni bejn il-pajjiżi,

is-sħubijiet transfruntiera tal-EURES jiġbru flimkien is-servizzi pubbliċi tal-impjegi u tat-taħriġ vokazzjonali, it-trade unions, l-awtoritajiet lokali u istituzzjonijiet oħra li jindirizzaw l-impjegi u t-taħriġ.

F'REĠJUN TRANSFRUNTIERA, L-EURES HUWA DISPONIBBLI BIEX:

- Ilaqqa' l-impjegaturi ma' min ikun qed ifttxx impjieg;
- Jipprovdi informazzjoni dwar il-prattikalitajiet legali u amministrattivi tar-reklutaġġ ta' ħaddiema residenti fil-pajjiżi membri tal-EURES;
- Jissorvelja s-swieġ tax-xogħol fiż-żewġ pajjiżi, u b'hekk jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-impjegati lill-impjegaturi.

Għal aktar informazzjoni, żur it-taqsimha Dwarna fuq eures.europa.eu.

"Aħna nappoġġjaw mijiet ta' ħaddiema transfruntiera kuljum b'mistoqsijiet bħal "Fejn inħallas it-taxxi tiegħi?", "Fejn nista' nitlob benefiċċju għat-tfal?" u "Nista' nuża s-Servizz tas-Saħħa?" Dan jgħin biex it-tranżizzjoni ssir aktar faċli għall-ħaddiema mobbli li jiċċaqalqu lejn pajjiż ieħor."

Konsulent tal-EURES, Sħubija Transfruntiera l-Irlanda, l-Irlanda ta' Fuq



SERVIZZ PERSONALI, PROFESSIONALI, KOMPLUT

L-EURES huwa servizz li joffri pariri professjonali dwar ir-reklutaġġ lill-impjegaturi Ewropej. Hemm aktar minn 1 200 Konsulent tal-EURES f'31 pajjiż, b'għarfien speċjalizzat tal-aspetti prattiċi, legali u amministrattivi tar-reklutaġġ minn barra l-pajjiż. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll servizz personali bbażat fuq il-profil tal-kumpanija tiegħek u r-rekwiżiti tal-kandidati. Żur il-portal tal-EURES għad-dettalji ta' kuntatt tal-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek.

"Aħna gawdejna kollaborazzjoni ta' 4 snin b'suċċess mal-EURES, li matulha d-dedikazzjoni u l-professjonaliżmu tal-konsulenti tagħhom għenu li nallokaw ħafna professjonisti żgħażaġh f'impjieg barra l-pajjiż. Għal sena oħra ta' suċċess!"

Fitarbeiten Personaldienstleistungen, il-Ġermanja

JIEM EWROPEJ TAL-IMPJIEGI (ONLINE)

Dawn l-avvenimenti jsejtnu fl-Ewropa kollha diversi drabi fis-sena, min-Norveġja sa Ċipru u mill-Portugall sar-Rumanija. Dawn joffru l-opportunità ideali għall-impjegaturi potenzjali biex jiltaqgħu ma' persuni li qed ifittxu impjieg u ma' Konsulenti tal-EURES, kemm fuq il-post kif ukoll online. Il-parteċipanti jistgħu jiddiskutu l-pjanijiet tagħhom u jindirizzaw il-mistoqsijiet tagħhom lil firxa ta' esperti fil-mobbiltà Ewropea tal-impjieg permezz ta' seminars, dibattiti, workshops u laqgħat personali.

Ċertament hemm xi ħaġa f'dawn l-avvenimenti għal kull impjegatur interessat li jimpjega minn barra l-pajjiż. Ikkjejkja l-Kalendarju tal-avvenimenti fuq il-portal tal-EURES għad-dettalji tal-avvenimenti qrib tiegħek li gėjjin.

INIZJATTIVI SPEĊJALI TAL-EURES

Hemm għadd ta' skemi mmirati ta' mobbiltà tal-impjieg li jappoġġjaw lill-impjegaturi biex isibu impjegati f'pajjiżi Ewropej oħra billi jifttu n-negozju tagħhom għal forza tax-xogħol li forsi ma jkunux jistgħu jsibu fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali. Dan jista' jkun ta' għajjuna speċjali għall-pożizzjonijiet vakanti li huma "diffiċli biex jimplw". L-impjegaturi jistgħu japplikaw ukoll għal assistenza finanzjarja taħt dawn l-iskemi biex jistabbilixxu "programm ta' integrazzjoni għall-ħaddiema". Sir af aktar fuq eures.europa.eu.



"L-EURES ixxerred informazzjoni dwar l-offerti ta' impjieg tagħna permezz tas-sit web tiegħu u permezz tas-servizz Spanjol tal-impjieg pubbliċi. Il-kollaborazzjoni saret mod pozzittiv ħafna u effiċjenti għalina biex nireklutaw persunal ġdid. L-isem tal-EURES jagħtina wkoll aktar leġittimità mal-persuni li qed ifittxu impjieg u mal-impjegaturi."

Baker Street International, Spanja



Agħmel kuntatt mal-UE

B'mod personali

Fl-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni ta' Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik fuq: https://europa.eu/european-union/contact_en

Bit-telefon jew permezz tal-email

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Inti tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- permezz ta' numru tat-telefon bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jitolbu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq in-numru standard li ġejj: +32 22999696 jew
- permezz ta' email fuq: https://europa.eu/european-union/contact_en

Kif issib informazzjoni dwar l-UE

Online

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_en

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel jew tordna pubblikazzjonijiet tal-UE kemm bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas fuq: <https://publications.europa.eu/en/publications>. Tista' tikseb diversi kopji ta' publikazzjonijiet mingħajr ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru lokali ta' informazzjoni tiegħek (see https://europa.eu/european-union/contact_en).

Id-dritt tal-UE u dokumenti relatati

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inklużi d-drittijiet kollha tal-UE mill-1952 fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur EUR-Lex fuq: <http://eur-lex.europa.eu>

Data miftuħa mill-UE

Il-Portal tad-*Data* Miftuħa tal-UE (<http://data.europa.eu/euodp/en>) jipprovdi aċċess għal settijiet ta' *data* mill-UE. Id-*data* tista' titniżżel u terġa' tintuża mingħajr ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal skopijiet mhux kummerċjali.

INTI INTERESSAT/A FIL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAD-DIRETTORAT ĠENERALI TAL-IMPJEGI, L-AFFARIJIET SOĊJALI U L-INKLUŻJONI?

- Jekk iva, tista' tnizzillhom jew tabbona mingħajr fl-as fuq: ec.europa.eu/social/publications
- Int mistieden ukoll li tirreġistra biex tirċievi l-bullettin elettroniku tal-Ewropa Soċjali bla fl-as tal-Kummissjoni Ewropea fuq: ec.europa.eu/social/e-newsletter
- Tista' tabbona għall-bullettin tal-EURES fuq: eures.europa.eu

IS-SITI WEB U L-PROGRAMMI EWLENIN TAL-UE LI JIDHRU F'DAN IL-FULJETT HUMA ELENKATI HAWN TAĦT:

- Il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjeg: eures.europa.eu
- Network Enterprise Europe portal.enterprise-europe-network.ec.europa.eu
- Imprendituri tal-UE: ec.europa.eu/enterprise/initiatives/sme-week
- Il-Jiem Ewropej tal-Impjegi (Online): europeanjobdays.eu
- Mistoqsijiet dwar l-UE: europea.eu/euopedirect
- Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress. Niżżel fuljett minn: ec.europa.eu/social
- Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK): ec.europa.eu/eqf

- Programmi ta' appoġġ fl-edukazzjoni: ec.europa.eu/education
- Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali: ec.europa.eu/missoc
- Ħaddiema stazzjonati: ec.europa.eu/social
- Drittijiet tas-sigurtà soċjali: ec.europa.eu/social-security-coordination
- L-Ewropa Tiegħek. Għajnuna u pariri għaċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom: europea.eu/youreurope/citizens
- L-ewwel impjeg tiegħek tal-EURES: ec.europa.eu/social

INGĦAQAD MAGĦNA FUQ IL-MIDJA SOĊJALI:

-  euresjobs
-  socialeurope
-  EURESjob
-  EURES European Employment Services

